Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1977

tal-11 ta' Diċembru 2018

li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019 – 2020

(ĠU L 317, 14.12.2018, p. 2)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Tal-Kunsill (UE) 2020/231 tat-18 ta' Frar 2020	L 47I	1	20.2.2020

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 157, 14.6.2019, p. 67 (2018/1977)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1977

tal-11 ta' Diċembru 2018

li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019 – 2020

Artikolu 1

Id-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti elenkati fl-Anness għandhom jitnaqqsu jew jiġu sospiżi fil-kuntest tal-kwoti tariffarji bir-rati, għall-perijodi u sal-ammonti indikati fih.

Artikolu 2

Il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha ssir skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament (UE) 2015/2447.

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni doganali tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 4

1. It-tnaqqis jew is-sospensjoni tad-dazji tal-importazzjoni għandhom japplikaw biss għall-prodotti maħsubin għall-konsum mill-bniedem.

2. Il-kwoti tariffarji ma għandhomx ikunu disponibbli għal dawk il-prodotti li jiġu pproċessati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jew tal-catering.

3. Il-kwoti tariffarji ma għandhomx ikunu disponibbli għall-prodotti maħsubin biss għal waħda jew iktar mill-operazzjonijiet li ġejjin:

— it-tindif, it-tiswija u l-qtugħ tad-denb u tar-ras;

— il-qtugħ;

— l-ippakkjar mill-ġdid ta' fletti ffriżati malajr individwalment;

— it-teħid ta' kampjuni u l-għażla;

— it-tikkettar;

— l-ippakkjar;

— it-tkessiħ;

— l-iffriżar;

([1]) Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

▼B

— l-iffriżar qawwi;

— l-igglejżjar;

— it-taħlil;

— is-separazzjoni.

4. Minkejja l-paragrafu 3, il-kwoti tariffarji għandhom ikunu disponibbli għall-prodotti maħsubin għal waħda jew iktar mill-operazzjonijiet li ġejjin:

— it-tqattigħ f'kubi;

— it-tqattigħ fi ċrieki u fi strixxi tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0307 43 91, 0307 43 92, 0307 43 99;

— l-iffilettjar;

— il-produzzjoni tal-qatgħat;

— il-qtugħ ta' blokok iffriżati;

— is-separazzjoni ta' blokok iffriżati ta' fletti b'folja bejniethom biex jinkisbu fletti individwali;

— it-tqattigħ f'fetet tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM ex 0303 66 11, 0303 66 12, 0303 66 13, 0303 66 19, 0303 89 70, 0303 89 90;

— l-ipproċessar tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0306 16 99 (fis-sottodiviżjonijiet 20 u 30 tat-TARIC), 0306 17 92 (fis-sottodiviżjoni 20 tat-TARIC), 0306 17 99 (fis-sottodiviżjoni 10 tat-TARIC), 0306 35 90 (fis-sottodiviżjonijiet 12, 14, 92 u 93 tat-TARIC), 0306 36 90 (fis-sottodiviżjonijiet 20 u 30 tat-TARIC), 1605 21 90 (fis-sottodiviżjonijiet 45, 55 u 62 tat-TARIC) u 1605 29 00 (fis-sottodiviżjonijiet 50, 55 u 60 tat-TARIC) bil-gassijiet tal-ippakkjar kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

— id-diviżjoni tal-prodott iffriżat jew trattament bis-sħana tal-prodott iffriżat biex jippermetti t-tneħħija ta' skart intern għal prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0306 11 10 (fis-sottodiviżjoni 10 tat-TARIC), 0306 11 90 (fis-sottodiviżjoni 20 tat-TARIC) u 0306 31 00 (fis-sottodiviżjoni 10 tat-TARIC).

Artikolu 5

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll tajbin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

▼B

ANNESS

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) (1)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2746	ex 0302 89 90	30	Red snapper tan-Nofsinhar (*Lutjanus purpureus*), frisk, imkessaħ, għall-ipproċessar	1 500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2748	ex 0302 91 00 ex 0303 91 90 ex 0305 20 00	95 91 30	Bajd tal-ħut kontenut fil-membrana tal-ovarju, frisk, imkessaħ jew iffriżat, immellaħ jew fis-salmura, għall-ipproċessar	5 700	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2750	►M1 ex 0305 20 00 ex 1604 32 00 ◄	►M1 35 20 ◄	Bajd tal-ħut, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-manifattura ta' sostituti tal-kavjar (2)	1 500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2754	ex 0303 59 10	10	Inċova (*Engraulis anchoita* u *Engraulis capensis*), iffriżata, għall-ipproċessar	500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2759	ex 0302 51 10 ex 0302 51 90 ex 0302 59 10 ex 0303 63 10 ex 0303 63 30 ex 0303 63 90 ex 0303 69 10	20 10 10 10 10 10 10	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*, minbarra l-fwied u l-bajd, frisk, imkessaħ jew iffriżat, għall-ipproċessar	95 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2760	ex 0303 66 11 ex 0303 66 12 ex 0303 66 13 ex 0303 66 19 ex 0303 89 70 ex 0303 89 90	10 10 10 11 91 10 30	Merluzz (*Merluccius* spp., minbarra *Merluccius merluccius, Urophycis* spp.), u pink cusk-eel (*Genypterus blacodes* u *Genypterus capensis*), iffriżati, għall-ipproċessar	12 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2761	ex 0304 79 50 ex 0304 79 90 ex 0304 95 90 	10 11 17 11 17	Grenadier ikħal (*Macruronus* spp.), fletti ffriżati u laħam ieħor iffriżat, għall-ipproċessar	17 500	0 %	1.1.2019-31.12.2020

(1) Mogħti f'piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.

►M1 (2) Għall-kodiċi tat-TARIC 1604 32 00 20 din il-kwota tariffarja tapplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019. ◄

▼B

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) (1)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2765	ex 0305 62 00 ex 0305 69 10	20 25 29 10	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*, immellaħ jew fis-salmura, iżda mhux imnixxef jew affumikat, għall-ipproċessar	3 500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2770	ex 0305 63 00	10	Inċova (*Engraulis anchoita*), immellħa jew fis-salmura, iżda mhux imnixxfa jew iffumikata, għall-ipproċessar	2 500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2772	ex 0304 93 10 ex 0304 94 10 ex 0304 95 10 ex 0304 99 10	10 10 10 10	Surimi, iffriżat, għall-ipproċessar	60 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2774	ex 0304 74 15 ex 0304 74 19 ex 0304 95 50	10 10 10 20	Merluzz tal-Paċifiku tat-Tramuntana (*Merluccius productus*) u merluzz Arġentin (merluzz tal-Atlantiku tal-Lbiċ) (*Merluccius hubbsi*), fletti ffriżati u laħam ieħor, għall-ipproċessar	25 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2776	ex 0304 71 10 ex 0304 71 90 ex 0304 95 21 ex 0304 95 25	10 10 10 10	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus macrocephalus*), fletti ffriżati u laħam iffriżat, għall-ipproċessar	50 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2777	ex 0303 67 00 ex 0304 75 00 ex 0304 94 90	10 10 10	Merluzz tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*), iffriżat, fletti ffriżati u laħam ieħor iffriżat, għall-ipproċessar	320 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2778	ex 0304 83 90 ex 0304 99 99	21 65	Pixxiċatt, fletti ffriżati u laħam ieħor tal-ħut (*Limanda aspera, Lepidopsetta bilineata, Pleuronectes quadrituberculatus, Limanda ferruginea, Lepidopsetta polyxystra*), għall-ipproċessar	10 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2785	ex 0307 43 91 ex 0307 43 92 ex 0307 43 99	10 10 21	Tubi (2) tal-klamar (*Ommastrephes* spp., minbarra *Todarodes sagittatus* (sinonimu *Ommastrephes sagittatus*), *Nototodarus* spp., *Sepioteuthis* spp.) u *Illex* spp., iffriżati, bil-ġilda u bil-pinen, għall-ipproċessar	28 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020

(1) Mogħti f'piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.
(2) Ġisem iċ-ċefalopod jew il-klamar mingħajr ras u mingħajr tentakli, bil-ġilda u bil-pinen.

▼B

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) (1)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2786	ex 0307 43 91 ex 0307 43 92 ex 0307 43 99	20 20 29	Klamar (*Ommastrephes* spp., minbarra *Todarodes sagittatus* (sinonimu *Ommastrephes sagittatus*), *Nototodarus* spp., *Sepioteuthis* spp.) u *Illex* spp., iffriżat, sħiħ jew it-tentakli u l-pinen, għall-ipproċessar	5 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2788	ex 0302 41 00 ex 0303 51 00 ex 0304 59 50 ex 0304 99 23	10 10 10 10	Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), b'piż ta' iktar minn 100 g kull biċċa jew qatgħat b'piż ta' iktar minn 80 g kull biċċa, minbarra l-fwied u l-bajd, għall-ipproċessar	8 000	0 %	1.10.2019-31.12.2019 1.10.2020-31.12.2020
09.2790	ex 1604 14 26 ex 1604 14 36 ex 1604 14 46	10 10 11 21 92 94	Fletti magħrufin bħala "lojns" tat-tonn u tal-palamit, għall-ipproċessar	30 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
▼C1						
09.2794	ex 1605 21 90 ex 1605 29 00	45 62 50 55	Gambli tal-ispeċi *Pandalus borealis* u *Pandalus montagui*, imsajrin u mqaxxrin, għall-ipproċessar	7 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
▼B						
09.2798	ex 0306 16 99 ex 0306 35 90	20 30 12 14 92 93	Gambli tal-ispeċi *Pandalus borealis* u *Pandalus montagui*, bil-qoxra, friski, imkessħin jew iffriżati, għall-ipproċessar	4 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2800	ex 1605 21 90 ex 1605 29 00	55 60	Gambli tal-ispeċi *Pandalus jordani*, imsajrin u mqaxxrin, għall-ipproċessar	3 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2802	ex 0306 17 92 ex 0306 36 90	20 30	Gambli tal-ispeċi *Penaeus vannamei* u *Penaeus monodon*, kemm bil-qoxra u kemm mingħajrha, friski, imkessħin jew iffriżati, mhux imsajrin, għall-ipproċessar	40 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020

(1) Mogħti f'piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.

▼B

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) (1)	Dazju fuq il-kwota	Perijodu tal-kwota
09.2824	ex 0302 52 00 ex 0303 64 00	10 10	Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), frisk, imkessaħ jew iffriżat, bir-ras maqtugħa, bil-garġi mneħħija u msewwi, għall-ipproċessar	3 500	2,6 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2826	ex 0306 17 99 ex 0306 36 90	10 20	Gambli tal-ispeċi *Pleoticus muelleri,* kemm bil-qoxra u kemm mingħajrha, friski, imkessħin jew iffriżati, għall-ipproċessar	4 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2804	ex 1605 40 00	40	Dnub taċ-ċkal tal-ispeċi *Procambarus clarkii*, imsajrin, għall-ipproċessar	4 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2762	ex 0306 11 10 ex 0306 11 90 ex 0306 31 00	10 20 10	Rock lobster u awwist imxewwek ieħor (*Palinurus* spp., *Panulirus* spp., *Jasus* spp.), ħaj, imkessaħ, iffriżat, għall-ipproċessar	200	6 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2784 (2)	ex 1605 10 00	21 95	Granċijiet tal-ispeċi "King" (*Paralithodes camchaticus*), "Hanasaki" (*Paralithodes brevipes*), "Kegani" (*Erimacrus isenbecki*), "Queen" u "Snow" (*Chionoecetes* spp.), "Red" (*Geryon quinquedens*), "Rough stone" (*Neolithodes asperrimus*), *Lithodes santolla*, "Mud" (*Scylla serrata*), "Blue" (*Portunus* spp.), sempliċiment mgħollijin fl-ilma u mqaxxrin, kemm jekk iffriżati kif ukoll jekk le, f'ippakkjar immedjat b'kontenut nett ta' 2 kg jew aktar, għall-ipproċessar	500	0 %	1.1.2019-31.12.2020
09.2822	ex 0303 11 00 ex 0303 12 00	20 20	Salamun tal-Paċifiku, bir-ras maqtugħa u mnaddaf, iffriżat, tal-ispeċi *Oncorhynchus nerka* (salamun aħmar) u *Oncorhynchus kisutch*, għall-ipproċessar	10 000	0 %	1.1.2019-31.12.2020

(1) Mogħti f'piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.

(2) Din il-kwota tariffarja (09.2784) titħassar awtomatikament mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara li jidħol fis-seħħ jew jiġi applikat b'mod proviżorju, skont liema jiġi l-ewwel, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Vjetnam.